MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-3 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1331/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**
**Fenech Carlo *known as* Charles (ID-536263M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Gunju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tlettax-il lira Maltija (Lm213.00), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21231570 (AC40001197).**
**Illi l-konvenut interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni. Bl-imghax u bl-ispejjez.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-12 ta' Jannar, 2006 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-**

**konvenut baqa’ ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u tlettax-il lira Maltija (Lm213.00) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mit-18 ta’ Novembru, 2005, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------